MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-28 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 797/2013

**Sasha Edlebi, Anna Edlebi u Bassam Edlebi**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi, ippreżentata fl-20 t'Awissu, 2013, u konfermat bil-ġurament minn Anna Edlebi, fejn ġie premess:

Illi Bassam Edlebi twieled fil-5 ta' Lulju 1953 u t-twelid tiegħu huwa reġistrat b'ċertifikat tat-twelid numru PR 2845/1991 (Dok A). Il-kunjom huwa korrettement spellut "EDLEBI";

Illi r-rikorrenti Anna Edlebi xebba Pellegrini Petit iżżewġet mal-imsemmi Bassam Edlebi fit-8 ta' Novembru 1986

skont kif jidher miċ-ċertifikat taż-żwieġ numru 2068/86 (Dok B) iżda hemm żball ta' *spelling* billi:

Il-kunjom tar-raġel kif indikat fil-kolonna intestata *"Isem u Kunjom tar-Raġel"* u l-kunjom tal-ġenituri tar-raġel kif indikat fil-kolonna *"Ġenituri tal-Miżżewġin"*, il-kunjom Edlebi inkiteb "Edlbi" minflok "Edlebi".

Illi *inoltre*, miż-żwieġ tagħhom huma kellhom tarbija, u ċjoe' r-rikorrenti Sasha u ċ-ċertifikat tat-twelid tagħha huwa reġistrat biċ-ċertifikat ta' twelid numru 3133/1990 (Dok C) u hawn ukoll hemm żball billi:

Il-kunjom Edlebi fil-kolonni *"Isem u Kunjom u Post tat-Twelid tal-Missier"* u *"Isem u Kunjom u Post tat-Twelid tal-Omm"* il-kunjom huwa miktub bħala "Edlbi" minflok "Edlebi".

Illi l-esponenti Sasha Edlebi tgħammdet bil-kunjom "Edlebi" kif jidher miċ-ċertifikat hawn anness (Dok D).

Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-korrezzjoni fiċ-ċertifikat tat-twelid 3133/1990 u fiċ-ċertifikat taż-żwieġ 2068/1986 billi l-kunjom "Edlbi" kull fejn jirrikorri jiġi korreġut biex jiġi spellut "Edlebi" biex jiġu konformi maċ-ċertifikat tat-twelid tal-imsemmi Bassam Edlebi.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku pprezentata fl-1 t'Ottubru, 2013 li permezz taghha eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament, qabel is-smiegħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern tal-anqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smiegħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi preliminarjament l-esponent umilment jirrileva li f'dan il-każ ma hemm l-ebda żball li jrid jiġi korrett fl-att taż-żwieġ tar-rikorrenti li jġib in-numru progressiv 2068 tas-sena 1986 (vera kopja annessa u mmarkata bħala Dok DRP1) *stante* li l-kunjom "Edlbi" huwa preċiżament kif jidher fuq it-traduzzjoni taċ-ċertifikat tat-twelid li r-rikorrenti ppreżenta meta huwa mar l-uffiċju tar-Reġistru Pubbliku. Meta tittieħed applikazzjoni għaż-żwieġ, id-dettalji tal-partijiet konċernati jittieħdu minn fuq id-dokument ta' identifikazzjoni li jippreżentaw il-partijiet stess li f'dan il-każ huwa iċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrent Bassam Edlebi (vera kopja annessa u mmarkata DRP2).

3. Illi *inoltre* r-rikorrent Edlebi stess iffirma l-att taż-żwieġ u meta għamel dan ikkonferma li l-informazzjoni li jikkontjeni iċ-ċertifikat hija waħda korretta.

4. Illi l-esponent jirrileva wkoll li kunjom ir-rikorrenti "Edlbi" kien ġie anke kkonfermat mill-Ambaxxata tal-Lebanon fuq il-*Free Status Certificate* li kien ġie ppreżentat mir-rikorrenti Bassam Edlebi stess meta ssottometta l-applikazzjoni sabiex jiżżewweġ lir-rikorrenti l-oħra Anna Edlebi kif jidher mid-dokument annessi u mmarkat DRP3.

5. Illi fir-rigward taċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti Sasha Edlebi l-esponent jinnota li anki hawn id-dettalji li jidhru huma dawk li kkonferma id-dikjarant Bassam Edlebi stess, u ċjoe' missier ir-rikorrenta fil-mument meta ġie biex jirreġistra l-att tat-twelid. Fil-fatt huwa ffirma d-dokument wara li kkonferma li d-dettalji li tniżżlu kienu dawk korretti, inkluż il-kunjom "Edlbi" (vera kopja annessa u mmarkata Dok DRP4).

6. Illi subordinatament għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ in kwistjoni huwa jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

7. Illi bla preġudizzju għall-premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

8. Salv eċċezzzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semgħet lill-attriċi;

Rat illi permezz tal-verbal tas-seduta tat-8 ta' Jannar 2014, il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi qed jagħmlu din it-talba *ai termini* tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni t'ismijiet tal-atti tal-istat civili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi hija ġustifikata għaliex jidher mill-ammont vast ta' dokumenti esebiti li l-kunjom tal-atturi għandu jiġi miktub "Edlebi"; Jirriżulta evidenti li l-iżball sar għaliex fil-kaligrafija Araba l-vokali jistgħu ma jintużawx. Ma jidhirx li l-konvenut jaħti għall-iżball u għalhekk m'għandux ibati spejjeż.

**DEĊIŻJONI**
**Għaldaqstant, għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi.**

**L-ispejjeż tal-kawża pero' għandhom jitħallsu mill-istess atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------